**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Gunju 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 133/00JR**

**John Cutajar**

**vs**

**Nazzareno Bartolo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' tmienja u hamsin lira Maltija erbgha u sebghin centezmi (Lm58.74c), rappresentanti bilanc ta' soma akbar ghal merkanzija, inkluz gallettini, helu u sigaretti, lilu mibjugha u kkunsinjati u li ghalihom il-konvenut ma hallasx u dan oltre l-interessi mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra bonarja datata Settembru 1998, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' John Cutajar li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut u li l-konsenja kienet saret fit-8 ta' Ottubru, 1997. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma tmienja u hamsin lira Maltija erbgha u sebghin centezmi (Lm58.74c) bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Ottubru,1997, sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata Settembru 1998 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**